# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 19**

13 t'April 2020

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Anthony Attard Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 19.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

19.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 19.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

19.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmintax-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

19.2.2. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (GD, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

19.2.3. Il-Kunsillier VB informa li kien astjena minħabba li ma kienx preżenti għal-laqgħa preċedenti.

19.2.4. Il-Kunsillier VB staqsa x'kien ir-riżultat tal-mozzjoni mressqa fil-laqgħa preċedenti rigward l-iSptar Sir Paul Boffa. Il-Kunsillier JAE qal li l-mozzjoni kienet ġiet imressqa bħala kjarifika u ma kienitx mozzjoni għall-vot. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien iddiskuta l-materja u qalet li wara korrispondenza li kellha mal-Ministru tas-Saħħa, dan kien assiguraha li ma kien hemm l-ebda periklu għas-saħħa tar-residenti.

19.2.5. Id-DSE għamel riferenza għall-attivitajiet li ġew diskussi fl-aħħar laqgħa. Huwa qal li fiċ-ċirkostanzi, il-laqgħat u l-attivitajiet kienu tħassru u oħrajn inżammu pendenti sakemm ikun hemm żvilupp fuq is-sitwazzjoni. Id-DSE qal li kien tkellem ma' Eco Market li kienu informawh li lesti jipparteċipaw fl-attività ta' Ġenna ta' Ġonna, pjanata f'Ottubru.

19.2.6. Is-Sindku għamlet riferenza għal-laqgħa li kellha tinżamm dwar l-innu tal-Floriana. Hija qalet li l-laqgħa ma kienitx inżammet minħabba s-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku għamlet riferenza wkoll għall-attività ta' St Patrick's Day fejn qalet li l-attività kellha tiġi kanċellata u l-Kunsill kien talab lill-barman jipprovdi dikjarazzjoni tal-ispejjeż. Hija qalet li l-persuna kienet ġabet id-dikjarazzjoni u għalhekk hemm għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-pagament dovut lilu sabiex tiġi ssetiljata il-kwistjoni ta' St Patrick's Day. Id-DSE qal li għandu jiċċekkja jekk il-Kunsill jistax japplika għal rimbors tal-ispejjeż taħt l-iskema t'attivitajiet kulturali.

### 19.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

19.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Ozone fejn offrew lill-kunsilli lokali jekk iridux xi għajnuna min-naħa tagħhom ta' manutenzjoni, tindif, eċċ gratwitament. Is-Sindku qalet li kienu staqsew jekk il-Kunsill għandux bżonn xi ħaddiema. Hija qalet li minħabba li l-Kunsill diġà kellu kuntratt tat-tindif, ipproponiet li minflok ħaddiema li jassistu fit-tindif, jintalbu ħaddiema li jistgħu jipprovdu manutenzjoni.

19.3.1.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux qed jiġu offruti biss riżorsi umani jew inkella jekk hux ser tkun provduta wkoll għodda. Is-Sindku wieġbet li huma kienu jipprovdu r-riżorsi umani u l-għodda, iżda l-materjal irid jipprovdih il-Kunsill.

19.3.1.2. Id-DSE qal li wieħed irid jivverifika jekk ir-riżorsi umani msemmija għandhomx esperjenza fil-manutenzjoni jew jekk kienux biss joffru tindif. Is-Sindku qalet li għandha titkellem magħhom u tagħmilha ċara x'inhuma l-bżonnijiet tal-Kunsill.

19.3.1.3. Il-Viċi Sindku GD għamlet riferenza għaċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u staqsiet jekk kienx qed isir xogħol ta' manutenzjoni u tindif minħabba li ċertu xogħol ta' tindif seta' jsir hemmhekk. Is-Sindku DSH qalet li minkejja li l-ġnien kien magħluq, il-kuntrattur xorta waħda kien qed jinżel kuljum biex ibattal il-bins tal-ġnien għax xorta kienu qed jimtlew. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur għandu jieħu ħsieb joffri l-manutenzjoni li hemm bżonn minkejja li tifhem li fiċ-ċirkostanzi, il-kuntratturi kienu qed isibuha diffiċli jsibu n-nies biex jgħinuhom fit-tindif.

19.3.1.4. Is-Sindku qalet li l-persuni li ġew offruti jassistu lill-Kunsill kienu ser ikunu temporanjament mal-Kunsill sakemm tispiċċa dil-pandemija.

19.3.1.5. Il-Kunsillier VB propona jekk minflok jistgħux inaddfu l-postijiet li ssoltu jkunu ftit abbandunati. Is-Sindku qalet li ser tiċċekkja mal-persuna li avviċinata sabiex tara kemm hemm persuni disponibbli u jekk possibbli, titolbu żewġ persuni għat-tindif u żewġ persuni għall-manutenzjoni.

19.3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand MAPFRE li offrew l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill sabiex jgħinu fit-tqassim ta' groceries u deliveries lill-anzjani tal-lokalità tal-Floriana. Is-Sindku nformat li kienet għaddiet din l-offerta lill-Arċipriet sabiex jinformahom jekk ikun jaf b'min għandu bżonn l-għajnuna. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-kumpanija u javviċina impjegati mil-lokalità stess sabiex jiġi faċilitat it-tqassim.

19.3.2.1. Il-Viċi Sindku GD qalet li kienet ġiet ikkuntattjata mill-kumpanija Fortify li offrew li jgħinu lir-residenti billi jipprovdulhom ikel nutrittiv bi prezz baxx. Il-Kunsill iddiskuta li sa dakinhar ftit li xejn kienu dawk li għamlu kuntatt magħhom għall-għajnuna u għalhekk qabel li għandu jżomm l-offerta in kunsiderazzjoni.

19.3.2.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Go to Cars fejn offrew karozza b'xejn lill-Kunsill għax-xahar t'April. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjahom u jistaqsi għal iktar informazzjoni.

19.3.2.3. Il-Kunsillier JAE nforma li kien ġie avviċinat minn grupp ta' żgħażagħ li wkoll lesti li joffru l-għajnuna tagħhom għal dak li jista' jkun hemm bżonn fiċ-ċirkostanzi inkluż il-wasla tax-xirjiet. Il-Kunsill innota dan.

19.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza fejn offrew it-tfassil ta' mobile app għall-kunsill lokali li tkun konnessa mal-website tal-Kunsill. Hija spjegat li permezz tal-app, in-nies ser ikunu jistgħu iressqu ilmenti u anke jitolbu servizzi bħalma hu tal-ġbir ta' skart goff. Il-Kunsill

qabel li jilqa' l-offerta anke minħabba li tali app hija bżonnjuża ħafna fid-dinja tal-lum u l-Kunsill ikun jista' jżomm kuntatt aħjar mar-residenti tal-lokalità.

19.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Green MT fejn informaw li kienu ser inaqqsu waħda mill-kollezzjonijiet tar-riċiklaġġ u dan minħabba s-sitwazzjoni kurrenti. Is-Sindku nformat li hi ma kienitx taqbel ma' dan iżda kienet lesta tikkunsidra dan dejjem bil-kundizzjoni li s-sitwazzjoni tirriverti ruħha għan-normal la jgħaddi kollox. Hija qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-bring-in sites li tneħħew u li suppost kellhom jerġgħu jitpoġġew f'qasir żmien iżda għalkemm għaddiet sena, kienu għadhom ma ġewx lura.

19.3.4.1. Il-Kunsillier JAE qal li fil-bidu, meta kienu qed isiru d-diskussjonijiet, il-Kunsill kien talab għal żewġ ġabriet minħabba li r-residenzi fil-lokalità kienu limitati u ħafna mir-residenti ma kellhomx spazju fejn iżommu l-borża l-griża għall-fuq minn ġimgħa. Huwa qal li tali deċiżjoni speċjalment f'dan iż-żmien fejn ir-residenti qed iqattgħu iktar ħin id-dar, kienet ser toħloq inkonvenjent kbir.

19.3.4.2. Id-DSE ġibed l-attenzjoni li hemm legal notice li tistipula l-iskeda ta' kollezzjonijiet kif hemm kuntratt bejn il-kumpanija u l-kunsilli lokali, u li dawn għandhom jiġu onorati.

19.3.5. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi rigward is-sejħa għall-offerti għas-sistema tad-drenaġġ. Id-DSE wieġeb li kien qed jaħdem fuq l-abbozz u kien qed jiddiskuti mal-Perit fuq xi speċifikazzjonijiet. Is-Sindku talbet li s-sejħa għall-offerti toħroġ b'mod urġenti u li l-procurement isir f'ġimgħatejn. Il-Kunsill qabel.

19.3.6. Is-Sindku għamlet riferenza għall-kwistjoni li kien hemm fir-rigward tal-bidla tas-sistema tal-elettriku fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li wara spezzjoni li saret mill-Perit fuq il-post irriżulta li l-Inġinier ma kienx ħareġ l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji u ma kienx ħa in kunsiderazzjoni li l-arbli preżenti kellhom il-wires għaddejjin minnhom. Is-Sindku qalet li hi ma kienitx attendiet għal-laqgħa mal-Inġinier iżda kienet attendiet biss l-eks Segretarju Eżekuttiv u għalhekk ma tafx x'kien ġie diskuss u x'intqal.

19.3.6.1. Is-Sindku qalet li biex tissolva waħda mill-problemi kien hemm bżonn li l-arbli jittellgħu fuq pjattaforma tal-konkos sabiex jogħlew mill-ħamrija.

19.3.6.2. Is-Sindku qalet ukoll li għalhekk hemm bżonn li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

19.3.6.3. Il-Kunsillier VB staqsa jekk il-Kunsill jistax juża l-Urban Improvement Funds sabiex jagħmel ix-xogħol neċessarju tad-dawl u tad-drenaġġ. Id-DSE qal li wieħed irid jara jekk ikunx għad fadal fondi iżda xorta waħda il-Kunsill ried jaħseb minn qabel biex japplika għall-fondi sabiex ikun jista' jagħmel użu minnhom.

## 19.4 **Rapporti**

19.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 19.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

19.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi linji gwida għal xogħolijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru fil-lokalitajiet f'dawn iż-żminijiet. Huwa ppropona li jekk le, il-Kunsill jista' jqajjem din il-kwistjoni mar-Reġjun Xlokk sabiex tiġi diskussa.

19.5.1.1. Id-DSE qal li min-naħa tal-Gvern Ċentrali jew awtoritajiet, ma kienx hemm linji gwida.

19.5.1.2. Il-Kunsillier JAE qal li ċertu djar kienu qed jiġu rinnovati u x-xogħolijiet jibdew minn kmieni filgħodu a detriment tar-residenti li bħalissa kollha jinsabu fi djarhom.

19.5.1.3. Id-DSE qal li l-kunsilli lokali ma kellhomx jedd fuq x'isir mill-bieb tad-djar tan-nies 'il ġewwa iżda kienu joħorġu biss permessi fuq makkinarju fuq barra. Għalhekk huwa ppropona li f'każ t'ilmenti simili, il-Kunsill għandu jirreferi lir-residenti sabiex jikkuntattjaw lill-Building Regulation Office dejjem jekk ix-xogħol ikun qed isir wara l-ħinijiet stabbiliti mil-liġi jew mill-bankina 'l ġewwa.

19.5.1.4. Id-DSE qal li minkejja dan il-Kunsill seta' jqajjem il-materja mar-Reġjun Xlokk sabiex flimkien tinstab soluzzjoni mal-entitajiet kompetenti.

## 19.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

19.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 19.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

19.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 10/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

19.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Viċi Sindku GD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 19.8 MOZZJONIJIET

19.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 19.9 QUARTER 1

19.9.1. Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2020.

19.9.2. Id-DSE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għad-debituri tal-Kunsill u qal li l-ammont kien sostanzjali. Id-DSE propona li tinżamm laqgħa mal-Awtorità tat-Turiżmu li għandhom jagħtu ammont sostanzjali ta' flus lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

19.9.3. Minħabba li r-rapport tal-ewwel kwart kien ġie ċirkolat dakinhar stess, il-Kunsill qabel li għandu jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li ġejja u dan sabiex il-kunsilliera jkollhom ċans biżżejjed biex jaqrawh.

## 19.10 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

19.10.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2020 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | Anthony Attard |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |